

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**(Każ COMP/M.6106 – Caterpillar/MWM)****(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2011/C 90/10)

1. Fl-14 ta' Marzu 2011, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' proposta ta' konċentrazzjoni skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾ li permezz tagħha l-impriża Caterpillar Inc. ("Caterpillar", l-Istati Uniti tal-Amerika) takkwista fit-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdjet kontroll sħiħ tal-impriża MWM Holding GmbH ("MWM", il-Ġermanja) permezz ta' xiri ta' ishma. Il-konċentrazzjoni ġiet riferuta lill-Kummissjoni Ewropea mill-Awtorità Ġermaniża għall-Kompetizzjoni skont l-Artikolu 22(3) tar-Regolament dwar l-Għaqdjet. Ir-referenza kienet suċċessivament konġunta mill-Awstrija u s-Slovakkja.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- għal Caterpillar: attiva fil-manifattura u l-bejgħ ta' makkinarji u magni, inklużi magni reċiprokanti, kif ukoll fil-forniment ta' prodotti finanzjarji,
- għal MWM: kumpanija holding li tikkontrolla 100 % ta' MWM GmbH, kumpanija li flimkien mas-sussidjarji tagħha, hija attiva fil-forniment ta' prodotti, servizzi u teknoloġiji, għall-forniment deċentralizzat tal-elettriku bl-użu ta' magni reċiprokanti.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdjet. Madanakollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtu kwalunkwe kumment li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-feks (+32 22964301), jew b'emejl lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.6106 – Caterpillar/MWM, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet
J-70
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament tal-KE dwar l-Għaqdjet").